# Il-Ħuttafa

numru 112

Settembru - Ottubru 2012




BirdLife MALTA 50 YEARS 1962 - 2012

Klabb Ħuttaf

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Qatgħa sabiħa **sturnell**. Eluf ta' sturnell jaslu Malta fil-ħarifa u ħafna jibqgħu hawn għax-xitwa. Kultant tara qtajja' li jkun fihom l-eluf.

Raymond Galea

# Ħej Ħbieb Ħuttaf !

## editorjal

Dan l-aħħar mort passiġġata sa Foresta 2000. Is-siġar qed jikbru ġmielhom u l-arbuxxelli tad-deru, taż-żagħrun, tal-imbrijagla u tar-riħan mimlijin frott. Veru ġenna tal-art qed isir hemm.

Kemm domt hemmhekk rajt mijiet ta' sturnell itiru u jpoġġu fis-siġar u jpaċpċu bejniethom. Madwari wkoll tpespis u tektik ta' pitirrossi, fjammi suwed u anke xi mlievez - dawk li żgiċċaw it-tiri tal-kaċċaturi! Dawn l-għasafar kellhom kull ma jridu hawnhekk. Kenn tal-weraq fejn jorqdu u jistaħbew, u ikel kemm iridu. Kellhom biżżejjed biex jgħaddu xitwa sħiħa magħna fil-kumdità.

Ħassejtni kuntent li l-BirdLife konna ħlomna b'din l-idea ta' Foresta 2000. Kieku ma ħawwilniex dawn il-pjanti kollha, l-għasafar ma kienx ikollhom dal-ġid kollu. Ħmistax-il sena ilu dal-post kien kważi vojt, u s-siġar li kien hawn ma kinux it-tip li jipprovdu ikel. Imma llum għandhom frott biżżejjed biex taqbadhom indiġestjoni!



Victor Falzon

Biex tipproteġi l-għasafar trid tipproteġi wkoll l-ambjent tagħhom. U jekk dan l-ambjent ma jeżistix trid tipprova toħolqu. Hekk għamilna f'Foresta 2000, fl-Għadira u fis-Simar.

Ċaw għalissa, u tinsewx tiġi tħawlu f'Diċembru (paġna 6).

*Victor*

**Victor Falzon** l-Editur

## Reġa' ġej ċirklu bl-annimali

L-annimali taċ-ċirklu huma mdejqin, imwerwrin u maħqurin.

**Min imur iċ-ċirklu jkun qed iħallas biex il-moħqrija tkompli.**

Jekk tħobbu veru l-annimali...

# TMORRUX!



## mal-faċċata



Il-**ballottra** (weasel) hija karnivoru għax tiekol il-laħam ta' annimali li taqbad, speċjalment ġrieden. Diffiċli taraha għax imgerrxa mill-bniedem. Għalkemm żgħira ħafna, il-ballottra xorta hija l-ikbar karnivoru tal-art li għandna Malta, u hija mħarsa bil-liġi.

Ritratt ta' Raymond Galea

## X'għandna?

| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Kalendarju 2013 | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Magħlubin u Tawwalin | 7 |
| Arti | 8 |
| X'idea dik! | 9 |
| Avviżi | 9 |
| Natura 2000 | 10 |

## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Nikki Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Ottubru 2012
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Għasfur ġdid...

Fit-12 Awwissu li għadda, il-ħabib tagħna Ray Galea kien berdwoċing f'Wied il-Kbir, ħdejn Ħal Qormi. Għalkemm kellna sajf niexef, f'xi nħawi tal-wied kien għad baqa' xi ftit ilma, u ħdejn l-ilma lemaħ għasfur żgħir mislut inaqqar xi dud mill-ilma. Kien zakak, imma mhux wieħed miz-zizka li naraw komuni fil-pases u fix-xitwa. Dan kien **zakak tal-lvant** (citrine wagtail *Motacilla citreola*), għasfur li s-soltu jgħix fir-Russja u jpassi lejn pajjiżi bħall-Indja eċċ.

**Din kienet l-ewwel darba li qatt deher dan l-għasfur hawn Malta.**

Fir-ritratt tal-lemin taraw iz-zakak tal-lvant qed jiekol xagħat ta' dubbiena li tella' mill-ilma. Dan l-għasfur dam jinżel jiekol fil-wied sas-16 tax-xahar, imbagħad sparixxa. Oħroġ l-għaġeb, kważi xahar wara (10 Settembru 2012) raw ieħor il-Buskett!




Raymond Galea



**It-total ta' għasafar li dehru Malta issa tela' għal...**







Dawn huma t-tliet speċi ta' zakak li s-soltu naraw f'Malta.




Aron Tanti




Aron Tanti




Ian Balzan




## KAĊĊATURI JOQTLU L-FJAMINGI

Fit-3 Ottubru 2012 dehret qatgħa ta' xi 50 **fjamingu** (greater flamingo) fl-inħawi tal-Gżejjer ta' San Pawl. L-għada xi kaċċaturi qatlu xi fjamingi fl-istess naħat ☹, u wieħed mill-għasafar daħal ferut fis-Salina, b'saqajh miksurin ☹. Il-BirdLife ippruvat taqbdu biex tikkurah imma ma rnexxilhiex, lanqas il-pulizija. Dakinhar ukoll, fjamingu ieħor intlaqat u waqa' fil-baħar ☹. Il-BirdLife ċemplet il-forzi armati, li ġew bil-patrol boat u rnexxielhom jaqbdu l-għasfur u ħaduh għall-kura. Imma kien ferut sew u miet ☹.

Sadattant il-fjamingu tas-Salina kien għadu hemm. Għalhekk dak il-lejl membri tal-BirdLife baqgħu għassa miegħu biex ma jidħlux għalih il-kaċċaturi. L-għada rnexxielhom jaqbduh meta l-povru fjamingu waqa' f'kanal fond. Ħaduh ukoll għall-kura, imma miet ukoll ☹.

Ftit ġranet wara membri tal-BirdLife raw qatgħa oħra ta' xi 60 fjamingu itiru fl-inħawi ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Raw ukoll spidbowt ħierġa għalihom, raw kaċċatur jispara mid-dgħajsa u jwaqqa' żewġ fjamingi ☹. Ġabarhom mill-baħar u saq jiġri qabel waslu fil-post il-forzi armati ☹.

**Trid tkun veru vandalu bla qalb biex toqtol fjamingu.**




Raymond Galea

Il-bajd li biedet il-fekruna tal-baħar fil-Ġnejna spiċċa ma faqqasx. Ħadd ma jaf għaliex, forsi r-ramel tal-Ġnejna ma kienx fond biżżejjed. X'ħasra!




Chris Cachia Zammit

Dawn l-aħbarijiet u anke ta' paġna 4 tajbin biex tużawhom l-iskola fl-Attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel minn BirdLife Malta u Bank of Valletta, bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Dinja Waħda

BirdLife Malta

Bank of Valletta

# Tellieqa min jipproteġi l-iktar!



Il-**Cook Islands** huma grupp gżejjer żgħar fl-Oċean Paċifiku. Imma għalkemm żgħar ħafna (iżgħar anke minn Malta), għandhom f'idejhom ħafna ħafna baħar. Ftit ġimgħat ilu dawn il-gżejjer iddikjaraw biċċa sew minn baħarhom bħala park marin. Hija medda enormi ta' 1.1miljun km$^2$, l-ikbar *marine park* fid-dinja.

Imma ftit wara, **New Caledonia**, grupp ieħor ta' gżejjer fl-istess oċean, ħabbru li huma wkoll ħa jiddikjaraw il-baħar ta' madwarha bħala park marin. Din hija area ta' 1.4miljun km$^2$, ftit ikbar minn tal-Cook Islands. Tgħid xi pika bejniethom?!

**Dawn iż-żewġ meded kbar fihom daqs il-Baħar Mediterran kollu!**

L-attività kollha li ssir f'dal-baħar issa trid issir b'mod li ma ssirx ħsara lill-eluf ta' speċi ta' ħlejjaq li jgħixu fih, mill-iċken [1]plankton sa l-ikbar baliena.

Il-ħajja tal-baħar f'dawn l-inħawi hija sinjuruna u ħafna minnha għadha mhix imfixkla mill-bniedem. Fl-inħawi baxxi jikber ħafna groll, bħal dan il-*cabbage coral*. Bis-saħħa tal-marine parks ġodda, din ir-rikkezza ħa tibqa' hemm!



## Sittax-il elf żiemel niexef!

Ftit ġimgħat ilu fl-ajruport ta' Lima (**Peru**), il-pulizija tad-dwana sabu tliet bagalji mitluqin, u meta fetħuhom sabu fihom 16,280 żiemel!

Le mhux żwiemel t'erba' saqajn, imma żwiemel il-baħar, imnixxfin u lesti biex jissiefru lejn pajjiżi bħaċ-Ċina, il-Korea u l-Ġappun. Hemm għadhom jemmnu li miż-żwiemel il-baħar mitħunin tista' tagħmel mediċina biex iżżidlek l-enerġija. Jaħasra kemm ħmerijiet!

Sittax-il elf jidher numru kbir, imma mhu xejn ħdejn l-**20 miljun** li huwa stmat li jinqabdu kull sena. Mhux ta' b'xejn li ż-żwiemel il-baħar tad-dinja diġà naqsu bin-nofs. Skont is-[2]CITES, żwiemel il-baħar mhu suppost isir xiri u bejgħ tagħhom imkien fid-dinja.



Iż-żwiemel il-baħar huma ħut żgħar. F'Malta għandna żewġ speċi.

## Daqshekk kaċċa








Mill-**Costa Rica** kważi dejjem aħbarijiet ambjentali sbieħ nisimgħu. Dan l-aħħar smajna oħra: **il-gvern għadu kemm għadda liġi li biha waqqaf il-kaċċa kollha fil-pajjiż** (ħlief is-sajd).

Il-Costa Rica huwa pajjiż fl-Amerka Ċentrali. Mhux pajjiż kbir, imma fih ħafna ambjenti differenti, fosthom muntanji, vulkani, foresti tropikali, gżejjer u xtut fuq żewġ oċeani differenti. Mhux ta' b'xejn in-natura tal-Costa Rica hija sinjura ħafna. Fuq kollox, il-gvern u n-nies t'hemmhekk japprezzaw in-natura li għandhom.

Kwart mill-pajjiż huwa riservi jew parks naturali.

Fost annimali oħrajn li jgħixu fil-ġungli tal-Costa Rica hemm il-ġagwar, tapiri u xadini. Għandhom ukoll 700 speċi ta' għasafar, u xi 200 speċi ta' amfibji.




[1]**plankton.** Pjanti u annimali żgħar ħafna li jifflowtjaw fl-ilma u li huma l-ikel ta' ħafna annimali tal-baħar. Ħafna minnhom ikunu frieħ ta' annimali bħal gambli u granċijiet.
[2]**CITES.** Il-**C**onvention on **I**nternational **T**rade in **E**ndangered **S**pecies hija ftehim internazzjonali importanti li jikkontrolla l-bejgħ u x-xiri ta' annimali u pjanti rari.

## X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Ċikonja Sewda

**Black Stork** *Ciconia nigra*



Victor Falzon

Jekk tqalleb xi ktieb ftit antik dwar l-għasafar ta' Malta, issib li ċ-ċikonja sewda hi fost l-aktar għasafar rari li jidhru fi żmien il-passa, u li lanqas ma tidher kull sena. Imma minn xi snin 'l hawn waħdiet saru jidhru tista' tgħid f'kull passa.

Iċ-ċikonja sewda hija għasfur kbir li tħobb iżżomm pjuttost fil-moħbi. Ġeneralment issibha f'imsaġar b'siġar kbar u xi ftit imbegħdin minn xulxin. Għall-kuntrarju taċ-ċikonja bajda, iżżomm bogħod mill-istorbju u d-djar tan-nies. Tfittex x'tiekol f'ilma baxx, u taqbad l-aktar ħut, bebbux, żrinġijiet u granċi. Kapaċi ttir distanzi twal u meta tpassi tagħmel vjaġġi ta' iktar minn 7000km. Tħobb tpassi fi qtajjiet li ġieli jlaħħqu 30 tajra, imma fi żmien il-bejta kull par jinqata' għalih waħdu. Jibnu bejta goffa fil-quċċata ta' siġra għolja jew ma' rdum. Fiha jbidu sa erba' bajdiet. Il-bejta tibqa' tintuża minn sena għall-oħra, għalkemm mhux bilfors mill-istess par.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.




Cover: Hardback • Size: 24cm x 20cm • Pages: 384 pages

With hundreds of species described and over 500 images of local flora and fauna, Guido Bonett presents a simple introduction to newcomers in nature photography, highlighting the possibilities that exist on these islands for the aspiring nature photographer and also encourages others to start looking at our world in a different way, camera in hand.

This publication sells for €29.95 and can be obtained from the publishers, Book Distributors Ltd, www.bdlbooks.com or from all leading outlets. • For trade enquires please call 21380351





OVER 500 PHOTOGRAPHS · CLOSE-UPS OF FLORA, INSECTS, REPTILES, BIRDS, AND OTHER WILDLIFE




# Kalendarju 2013

**Il-BirdLife għadha kemm ħarġet kalendarju ġdid għas-sena 2013.**

- Huwa desk calendar mit-tip li jreġġi waħdu fuq mejda.
- Għal kull xahar fih ritratt sabiħ bil-kulur ta' għasfur Malti.
- Jiswa €2.50 biss.

Tistgħu tixtruh

- **dirett** mingħand BirdLife Malta jew mir-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar.
- **bil-posta** billi tibagħtu ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) ta' €2.80 (jinkludi posta) lil BirdLife fl-indirizz paġna 2.

attività

# Taħwila siġar

Ilkoll smajtu b'Foresta 2000, il-proġett kbir ta' taħwil tas-siġar fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Foresta 2000 hija għal qalbna wisq, mhux biss għax qed isir ambjent tal-ġenn għan-natura, imma għax konna bdejnieh aħna stess ta' Klabb Ħuttaf. It-taħwil issa kważi kollu lest. Baqa' biss xi rqajja' żgħar x'jimtlew...

## U aħna ħa mmorru nimlewhom !!

S'intendi, kif inkunu hemm ir-rejnġer idawwarna dawra ħalli narawh u ngawduh sew. Narawkom!

**Data** il-Ħadd 2 Diċembru 2012
**Niltaqgħu** quddiem ir-riserva tal-Għadira
**Ħin** 9am **Nispiċċaw** xi nofsinhar
**Ġibu** xi ħaġa x'tieklu u x'tixorbu
**Iġġibux** tkaken bil-ponta!
**Merħba** *membri, familji u ħbieb

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi u jibqa' magħhom xi ħadd kbir.

Qed tfaddalhom jew?

Ħallini mmissjajt waħda!

I ♥ Klabb Ħuttaf

Dakinhar ħa nqassmu l-istiker I ♥ Klabb Ħuttaf numru 6.

Google Earth










## Anke mill-ispazju!

Dawn huma tliet ritratti ta' parti minn Foresta 2000. Ir-ritratti (minn Google Earth) ttieħdu mill-għoli ħafna - minn satellita fl-ispazju fil-fatt - u bejn ritratt u ieħor għaddew sentejn: 2007, 2009, 2011.

Jekk tħarsu sew, speċjalment fiż-żewġ roqgħat fejn qed juru l-vleġeġ, taraw kif f'erba' snin feġġew ħafna tikek ħodor. Dawk it-tikek huma siġar li tħawlu.

U bħalissa hemm ruxxmata pitirrossi, buful, imlievez u sturnelli li qed jirringrazzjawna tal-kenn u l-ikel li dawn is-siġar qed jipprovdulhom.

Min jaf sentejn oħra kif ikun ir-ritratt.

# Intervista ma' Fjura

Victor Falzon




**Ix-Xorbett**
Golden Samphire

**X'jismek?**
Jisimni xorbett, imma smajt li l-Għawdxin isejħuli xurbebb.

**Inti pjanta rari?**
Miniex rari, imma ma nikbirx kullimkien.

**Mela x'ambjent tħobb?**
Jien nikber l-iktar ħdejn il-baħar, fit-tifrik li jinġabar fl-irkejjen qalb il-blat.

**Kif tissaporti l-imluħa tal-baħar?**
Ħeħe għandi trikk! Il-weraq tiegħi nista' naħżen l-ilma fih biex fi żmien in-nixfa nieħu l-ilma mill-weraq flok intella' ilma mielaħ mill-art.

Pjanta li taħżen l-ilma fil-weraq jew fiz-zokk jgħidulha **sull**... **slukk**... **skutt**... emm...

**Sukkulent**, tuba!

**Idea tajba! U l-fjuri meta tiftaħhom? Fir-rebbiegħa?**
Le, jien il-fjuri nagħmilhom fil-ħarifa. Bħalissa mimlija fil-fatt.

**Il-fjuri tiegħek ifuħu?**
Hawn min jogħġbuh, hawn min le. Il-friefet u n-naħal jogħġbuhom żgur għax jiġġennu għalija!

**Għandek xi problemi?**
L-ikbar biża' tiegħi hu li intom il-bnedmin tkomplu tiksu x-xtut bil-konkos flok tħalluhom naturali.

**Naqbel miegħek. Saħħa u grazzi.**
Ċaw ħi. Tkun 'l hawn għaddi.


Agrett Isfar
Squacco Heron
Ian Balzan


Agrett tal-Bhejjem
Cattle Egret
Victor Falzon


Kwakka
Night Heron
Raymond Galea

# Magħlubin u tawwalin


Kappun
Eurasian Bittern
Raymond Galea


Russett tas-Siġar
Little Bittern
Denis Cachia

Fost l-għasafar hemm familja ta' tajr li kważi kollha huma għasafar twal. Dawn huma l-agretti u l-irsieset, li minnhom f'Malta jiġu disa' speċi. U hawn qegħdin ilkoll, jiġġebbdu u jippużaw għar-ritratt!


Agrett Abjad
Little Egret
Chris Cachia Zammit


Russett Abjad
Great White Egret
Victor Falzon


Russett Aħmar
Purple Heron
Denis Cachia



Russett Griż
Grey Heron
Victor Falzon

Agħti kulur lill-istampa.

# Farfett tal-Fejġel

Swallowtail



Victor Falzon







Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew fjuri kultivati) u aħna nġibuhomlkom f'dil-paġna, basta jkunu veru tagħkom. Tistgħu tibagħtuhom

- **bil-POSTA*** lil
**Klabb Ħuttaf BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
jew
- **bl-IMEJL** (jpg, pdf, tif) lil
**il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.



**Buħarrât**
Kyle Cassar (12)

# ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (16)



**Tiġieġa tal-Baħar**

Għażiż Editur,
Jien Kyle Cassar (12 yrs) li flimkien ma' oħti Kirsty (5 yrs) qed nikteb din l-ittra. L-ewwelnett grazzi u prosit tal-Ħuttafa għax vera sabiħa, interessanti u mżewqa b'kollox. Nixtiequ naqsmu magħkom ritratt sabiħ ta' insett li ġie ħdejna waqt li konna qed nagħmlu barbikju fl-inħawi tal-Bidnija. Domna ħafna nosservawh sakemm fl-aħħar sparixxa taħt l-art. Jekk mhux sejrin żball naħsbu li hu buħarrat (mole cricket). Nieħdu gost jekk narawh fil-magażin. Grazzi.

**Kyle** u **Kirsty Cassar**

Għeżież Kyle u Kirsty,
Grazzi tar-ritratt u ħadna veru gost li jogħġobkom il-magażin. Kellkom raġun fuq l-insett. Il-buħarrât huwa tip ta' grillu li jħaffer taħt il-ħamrija. Insett interessanti ħafna, imma l-bdiewa ma tantx jiffansjawh għax igerrmilhom il-patata u prodotti oħra.

L-Editur

# X'idea dik!

## Ideat li l-bniedem ikkopja min-natura

Desirée Falzon



Ir-ritratt famuż tal-1903 fejn jidher Orville mimdud fl-ajrupan maqtugħ mill-art, u Wilbur jiġri miegħu.

Darba kien hemm żewġt itfal Amerikani jisimhom Orville u Wilbur Wright, u jum wieħed missierhom tahom rigal. Kien speċi ta' ħelikopter tal-logħob magħmul minn sufru, biċċa qasba u karti. L-iskrun kien idur b'biċċa lastku. Dakinhar is-subien bdew joħolmu li jivvintaw magna li ttir ta' veru. Is-sena kienet 1878 u dak iż-żmien kienu għadhom ma jeżistux ajruplani!

Il-bniedem kien ilu s-sekli jħares lejn l-għasafar u jixxennaq li jtir bħalhom, imma ħadd ma kien għadu ivvinta magna li jtir biha. Orville u Wilbur riedu jkunu l-ewwel li jivvintaw magna kapaċi ttir bi bniedem fiha, iddur u terġa' tillandja. L-aħwa kellhom tliet problemi kbar x'isolvu: (1) X'tip ta' ġwienaħ trid biex tinqata' mill-art u ttir? (2) X'tip ta' forza trid biex l-ajruplan iżomm fl-ajru? (3) Kif se tikkontrollah biex idur fl-ajru u tniżżlu fl-art bla ma titfarrak?

Din tal-aħħar kienet l-ikbar problema, u t-tweġiba ġabuha min-natura. L-aħwa Wright studjaw il-ħamiem itir u innutaw kif dawn idawru ġwinħajhom skont 'il fejn iridu jduru. Biex iddur lemin ħamiema kienet tgħolli l-ġewnaħ xellugija u tbaxxi l-leminija.

Orville u Wilbur bdew jaħdmu fuq din l-idea. Ħabat tajjeb li kienu jaħdmu f'ħanut tar-roti. Darba qabdu tubu tal-lastku u qagħdu jdawruh 'l hawn u 'l hemm bħalma ħamiema ddawwar ġwinħajha. Wara hafna esperimenti u provi, irnexxielhom. F'Diċembru 1903 l-aħwa Wright ivvintaw l-ewwel ajruplan ta' vera.

**Bis-saħħa tal-ħamiem, s'intendi!**




Il-ħamiem għallem lill-aħwa s-sigriet kif tikkontrolla u ddawwar l-ajruplan. L-istess idea għadha tintuża llum fl-ajruplani kollha.

Victor Falzon



Anke Leonardo da Vinci kellu diversi ideat kif tibni ġewnaħ biex bniedem ikun jista' jtir. Imma lanqas dal-ġenju ma rnexxielu.

# AVVIŻI

### Grazzi

Nixtiequ ngħidu grazzi lill-gazzetta **L-Orizzont** - speċjalment lil Ms Roberta Fenech - li kull ġimagħtejn għal dawn l-aħħar 5 snin ġabitilna rokna dwar in-natura jisimha... **Rokna Natura!**

### 20699595

Ċemplu fuq dan-numru jekk taraw xi bini jew żvilupp kontra l-liġi.

### Websajt

Biex titgħallmu fuq għasafar u berdwoċing f'Malta żuru l-websajt **www.birdinginmalta.com**

### Websajt

Biex titgħallmu fuq ix-xogħol tal-BirdLife żuru l-websajt **www.birdlifemalta.org**

**Ir-riservi naturali tal-Ghadira u Is-Simar** issa reġgħu miftuħin għall-publiku fi tmiem il-ġimgħa. L-Għadira tiftaħ Sibtijiet u Ħdud u s-Simar Ħdud biss.
Ħinijiet ta' ftuħ **10.30am-4.30pm**
Dħul **BLA ĦLAS** u mhemmx bżonn tibbukkjaw.

### TISTGĦU TARMAW!

Issa tajjeb li tibdew taħsbu biex tarmaw **bird table** fil-ġardina jew bitħa tagħkom. Ftit ieħor l-għasafar jibda jonqsilhom l-ikel, u bird table armata bi frak bnin ta' gallettini, qagħaq, xi frotta mqattgħa, eċċ jinżlilhom għasel fix-xitwa. Thallux l-għasafar bil-ġuħ imsieken!






# Għar Dalam

Elisabeth Conrad

## Fejn hu?

Għar Dalam qiegħed ħdejn Birżebbuġa, fit-triq li tkun nieżla minn Bir id-Deheb.

**L-għerien ma tantx nassoċjawhom man-natura bħal ambjenti oħra, forsi għax naħsbu li fid-dlam ma jgħix xejn. Dan però mhux il-każ. U tinsewx li n-natura mhiex biss annimali u pjanti, kif se naraw.**

## Blat u taqtir

Għar Dalam huwa mħaffer fil-blat magħruf bħala [1]l-Qawwi ta' Taħt. Huwa interessanti għall-[2]ġeoloġija, fost raġunijiet oħra minħabba li fih diversi stalaktiti u stalagmiti. Dawn il-kelmiet jiġu mill-kelma Griega *stalassein*, li tfisser 'tqattar'. Jgħidulhom hekk għax meta l-ilma jgħaddi minn ġo ċertu blat, iħoll xi minerali mill-blat, li jinġarru mal-ilma. Meta jqattru mis-saqaf tal-għar, uħud minn dawn il-minerali jibqgħu mwaħħlin mas-saqaf jew mal-art tal-għar u jerġgħu jibdew jieħdu forma solida. Dal-proċess isir bil-mod ħafna, xi 1ċm kull 100 sena! Immaġinaw ftit kemm-il mitt sena kellhom jgħaddu biex jiffurmaw dawn!




## Nani ta' dari

Apparti l-ġeoloġija, Għar Dalam huwa ta' interess kbir għall-istorja naturali ta' Malta għax jitfa' dawl fuq kif żviluppat l-istorja ta' dawn il-gżejjer. Fl-1865, [3]ġeologu Taljan beda jħaffer fl-għar biex jara jsibx ħjiel fuq il-bniedem li kien jgħix Malta fiż-żminijiet l-imgħoddija. Sab ħafna iktar milli basar! Meta l-għar [4]skavawh sal-qiegħ nett, fl-eqdem saff (ta' madwar 500,000 sena), instabu snien u għadam ta' diversi annimali estinti, fosthom iljunfanti, ippopotami, volpi, lpup u ċinji. Uħud minn dawn kienu ferm iżgħar minn annimali simili tal-lum. L-iljunfant, per eżempju, kien biss xi metru għoli, jiġifieri kien nanu ħdejn l-iljunfanti tal-lum, li jitwalu sa erba' metri.

Dawn is-sejbiet urew li Malta, li llum hija gżira, bilfors li xi darba fil-passat kienet magħquda ma' art oħra. Dan għaliex dawn l-annimali ma setgħux jgħumu għal Malta. L-istudjużi






John J Borg

Stalaktiti u stalagmiti f'Għar Dalam


John J Borg

Id-dehra ta' Għar Dalam mid-daħla 'l ġewwa.



Victor Falzon




Mappa ta' Għar Dalam

jaħsbu fil-fatt li Malta kienet magħquda mal-Italja, imma reġgħet saret gżira meta għola l-livell tal-baħar. Meta ġara dan, l-annimali li kienu waslu Malta inqabdu fuq dawn il-gżejjer u komplew jevolvu hawn. Minħabba li Malta żgħira u ma hawnx wisq riżorsi, l-annimali ftit ftit żviluppaw razez iżgħar minn dawk tal-bqija tal-Ewropa. Biż-żmien, il-klima bdiet tinxef u l-annimali bdew jonqsu u jmutu. Sa ma tfaċċa l-bniedem f'Malta 7000 sena ilu, l-iljunfanti u l-ippopopotami Maltin kienu ilhom li spiċċaw.

## Għall-kenn u l-frisk

Illum ukoll, Għar Dalam għadu interessanti għan-natura, b'iktar minn 40 speċi differenti. Fost dawn hemm il-**farfett il-lejl widnejh kbar**, li bi nhar jorqdu f'irkejjen mudlama tal-għar, bogħod minn għajnejn in-nies. Xi **għasafar ta' bejt** ibejtu wkoll fl-għar viċin il-bokka. Insibu wkoll diversi [5]invertebrati, fosthom il-**ħanżir l-art ta' Għar Dalam** li huwa żgħir ħafna u sensittiv għad-dawl. Din l-ispeċi ngħatat l-isem xjentifiku *Armadillidium ghardalamensis*. Hekk hu, huwa msemmi proprju għall-għar tant interessanti li fih jgħix... u mkien iktar fil-Gżejjer Maltin. U mkien iktar fid-dinja!

[1]**Qawwi ta' Taħt.** Il-Gżejjer Maltin magħmulin minn ħames saffi blat. Il-Qawwi ta' Taħt huwa ta' taħt nett, u huwa l-eqdem wieħed.
[2]**ġeoloġija.** L-istudju ta' kif iffurmat id-dinja.
[3]**ġeologu.** Xi ħadd li jistudja l-ġeoloġija.
[4]**skavawh.** Skavar huwa tħaffir li jsir b'ċertu galbu, is-soltu bi tfittxija għal fdalijiet ta' nies, annimali, eċċ. mill-qedem, per eżempju għadam, snien, għodda u fuħħar.
[5]**invertebrati.** Annimali bla sinsla tad-dahar, per eżempju insetti, molluski u krustaċi.

Grazzi lill-ħabib tagħna **John J. Borg** - kuratur tal-Mużew tal-Istorja Naturali (Mdina) - għar-ritratti li jidhru ma' dan l-artiklu, għall-mappa ta' Għar Dalam, u għal tagħrif fuq il-friefet il-lejl.


John J Borg

**Ħanżir l-Art ta' Għar Dalam**
**Għar Dalam Woodlouse** *Armadillidium ghardalamensis*


John J Borg

**Farfett il-Lejl Widnejh Kbar**
**Grey Long-eared Bat** *Plecotus austriacus*






# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Tingħata karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont tiegħek. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Bank of Valletta